MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2009

Avviz Numru. 55/2006

**Edward Mallia (ID 224777)**

**Vs**

**Associated Supplies Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fl-20 ta’ Frar 2006 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur is-somma komplessiva ta’ erbat elef, erba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm4450), rapprezentanti, in parti l-prezz bilancjali ghall-xogholijiet esegwiti mill-attur fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta, u nparti in linea ta’ danni kkawzati mis-socjeta’ konvenuta lill-attur wara li kuntratt ta’ xoghol datat 1 t’April 2005 gie terminat qabel iz-zmien minghajr ebda raguni valida fil-ligi, kif ukoll thallas l-imghaxijiet legali dekorribbli mis-16 ta’ Jannar 2006 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk, ta’ l-ittra ufficjali datata 16 ta’ Jannar 2006, tat-taxxa fuq il-valur mizjud inkonnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok is-socjeta’ konvenuta teccepixxi illi l-azzjoni odjerna hija ntempestiva stante illi l-istess socjeta’ baghtet avviz tat-terminazzjoni tal-kuntratt datat l-1 t’April 2005 (anness u markat ASL 1) bil-miktub, u dan a tenur ta’ l-artikolu 20 tal-istess kuntratt, fis-16 ta’ Dicembru 2005, u ghaldaqstant l-erba’ xhur *notice period* stipulati fl-istess Artikolu kienu ghadhom ma skadewx sal-gurnata tal-prezentata tal-Avviz odjern;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit u fi kwalunkwe kaz, is-socjeta’ attrici kellha raguni tajba u sufficjenti sabiex tittermina l-ingagg tal-attur stante illi s-servizz rez mill-istess attur skond l-istess kuntratt ma sarx skond is-sengha u l-arti, u dan, fost ragunijiet ohra, peress illi l-istess xoghol ma sarx skond il-proceduri mnizzla fil-Annex Nru 1. mehmuz mal-imsemmi kuntratt, kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-ebda forma ta’ danni ma jistghu jkunu pretizi mill-attur fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit u dwar il-meritu wkoll, ix-xoghol maghmul mill-attur skond l-imsemmi kuntratt kien tardiv regolarment, bi hsara konsiderevoli lir-reputazzjoni tas-socjeta’ konvenuta, u dan ukoll kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-somma mitluba hija in ogni caso mhix dovuta stante illi, bix-xoghol u l-agir tieghu, l-attur irreka danni lis-socjeta’ konvenuta, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suecccepit, l-attur naqas milli jipprezenta prospett ta’ kif wasal ghas-somma mitluba fl-avviz odjern;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' kuntratt ta' l-1 t'April 2005, is-socjeta' konvenuta ntrabtet illi taghti xoghol ta' ntsallazzjoni ta' air-conditioners lill-attur fl-ammont ta' tmint elef lira sal-31 ta' Marzu 2006. L-original ta' dan il-kuntratt jinsab esebit bejn fol 2 u fol 4 tal-process. Dan il-kuntratt ma kienx l-ewwel wiehed bejn il-partijiet u saru kuntratti fis-snin ta' qabel illi gew esegwiti minghajr problemi. Jidher pero' li din id-darba nqalghu ntoppi bejn il-partijiet. Tant hu hekk li fid-29 ta' Lulju 2005 l-attur baghat email lis-socjeta' konvenuta fejn kien avzaha li ma kienx sejjer igedded il-ftehim darba dana jghaddi l-perjodu tieghu (fol 30). Sandanittant l-attur baqa' jircievi ordnijiet minghand is-socjeta' konvenuta ghall-installazzjoni ta' *air-conditioners*, pero' kien jidher car li l-mira ta' tmint elef lira xoghol ghal dik is-sena ma kienetx sejra tintlahaq. Jidher illi l-kwistjoni aggravat wara xoghol li gie esegwit minghand l-attur f'fond in-Naxxar ghan-nom tas-socjeta' *'Conventional Malta Limited'*, ta' 147 Santa Lucia Street, in-Naxxar li taghha Fiona Captur kienet wahda mid-Diretturi. F'dan il-progett deher car in-nuqqas ta' ko-ordinazzjoni bejn l-attur, is-socjeta' konvenuta u Fiona Captur . Din ta' l-ahhar kienet qabdet lis-socjeta' konvenuta sabiex tinstalla sistema ta' *air-conditioning* fil-fond fuq imsemmi u sar ftehim illi x-xoghol jibda nhar ta' Tnejn u kellu jiehu l-gimgha kollha, liema xoghol kien jinkludi fost affarijiet ohra tqattiegh ta' trinek sabiex minn hemmhekk jghaddu l-pipijiet ta' l-*air-conditioning* biex ma jaghtux fil-ghajn.

Skond Gabriel Micallef (fol 120) responsabbli mis-sales tas-socjeta' konvenuta x-xoghol kellu jibda t-Tnejn 7 ta'

Novembru, mentri fil-fatt beda l-Erbgha. L-attur ighid li kien avza lis-socjeta' konvenuta li kien impossibli ghalih illi jibda x-xoghol fis-7 ta' Novembru peress li kien ghad fadallu xoghol iehor x'iwettaq. Ighid li huwa insista li Fiona Captur tigi avzata li x-xoghol ma kienx se jibda kif kien previst. Jidher pero' illi minn dan ma sar xejn u Fiona Captur baqghet tistenna illi x-xogholijiet jibdew kif kien miftiehem bejnha u bejn is-socjeta' konvenuta. Jirrizulta wkoll diversi telefonati li l-attur ghamel lis-socjeta' konvenuta sabiex dina tavza lil Fiona Captur bid-dewmien, ukoll f'gurnata partikolari li kien se jibdew tard, izda mir-reazzjoni ta' Fiona Captur l-attur mill-ewwel irrealizza illi hadd ma qalilha xejn.

Minkejja li l-Qorti hawnhekk tirrealizza li kien hemm nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta, minn naha l-ohra l-attur wera nuqqas ta' professjonalita' fit-twettieq tax-xoghol u l-ghazla tal-haddiema. Ic-certifikat tal-Perit Spiteri Staines (fol 137) jikkonferma n-nuqqas ta' professjonalita' fejn kawza ta' l-agir tal-haddiema ta' l-attur gew kawzati danni serji fil-fond fuq imsemmi 147, St Lucy Street, Naxxar. Konsegwenza ta' dan is-socjeta' konvenuta kellha thallas l-ammont ta' tlett mitt lira lil Fiona Captur bhala risarciment tad-danni u di piu' tilfet klijent peress li x-xoghol gie kompletat minn ditta ohra. Kien ghalhekk li b'ittra datata 16 ta' Dicembru 2005 Steve Rizzo Direttur tas-socjeta' konvenuta baghat jinforma lill-attur illi kienu se jitterminaw immedjatament l-obbligazzjonijiet kuntrattwali li s-socjeta' kellha ma' l-attur (fol 35) u peress li s-socjeta' konvenuta kellha xi dubbju dwar xi xogholijiet ohra li wettaq l-attur, twaqqfu l-pagamenti kollha.

L-attur deherlu li l-agir tas-socjeta' konvenuta kien wiehed illegali u jmur kontra l-ftehim ta' bejniethom. Tant hu hekk li f'din il-kawza qieghed jitlob l-ammont ta' Lm4450 bhala danni li minnhom l-ammont ta' Lm2950 kien il-valur tad-differenza bejn ix-xoghol li attwalment thallas u l-ammont ta' tmint elef lira (Lm8,000) li s-socjeta' konvenuta kienet obbligata thallas lill-attur. L-ammont l-iehor Lm1458.53 huwa valur ta' xogholijiet maghmula mill-attur izda mhux imhallsa mis-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi, l-Qorti jidhrilha illi tenut kont in-nuqqas ta’ professjonalita’ ta’ l-attur fix-xoghol li wettaq ghand Fiona Captur, is-socjeta’ konvenuta kienet gustifikata li tittermina l-kuntratt kif stipulat fl-istess kuntratt ghal dawn l-eventwalitajiet. Veru kif gia nghad is-socjeta’ konvenuta naqset meta ma assikuratx li jkun hemm koordinazzjoni shiha bejnha u bejn l-attur u jidher illi kkommettiet ruhha ma’ Fiona Captur qabel ma vverifikat ma’ l-attur, pero’ t-traskuragni u negligenza li wera l-attur fit-twettieq tal-progett in-Naxxar imur oltre n-nuqqas ta’ koordinazzjoni u l-Qorti ma tistax ticcensura lis-socjeta’ konvenuta illi dina arbitrarjament iddecidiet illi ma tonorax iktar l-obbligazzjonijiet tal-kuntratt. Minn naha l-ohra, xogholijiet li ghamel l-attur u jidher li gew imwettqa a sodisfazzjon ta’ kulhadd ghandhom jithallsu, izda mhux ghal dak ix-xoghol li wettaq fil-fond tas-Sinjura Captur in-Naxxar, liema xoghol skond l-istess attur gie stmat fl-ammont ta’ Lm150 (fol 49). Ghalhekk it-talba ta’ l-attur trid tigi mnaqqsa biex tirrifletti dan l-argument.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba ta’ l-attur. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallsu l-ammont ta’ €3,048.05 (Lm1,308.53) rapprezentanti l-prezz bilancjali ghal xogholijiet esegwiti mill-attur fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez peress illi t-talba ta’ l-attur ma gietx milqugha fl-intier taghha, izda biss parti minnha, l-Qorti jidhrilha illi dawn ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet. Bl-imghaxijiet li jibdew jiddekorru mid-data ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------